# **Diskors Ftuħ tas-Sena Forensi 1 ta' Ottubru 2019**

Sinjuri,

Sur President tal-Kamra tal-Avukati,

Grazzi għad-diskors tiegħek u li għalih se nagħmel riferenza aktar il-quddiem.

Bħas-soltu imiss lili bħala Prim Imħallef biex nagħmel dan id-diskors tal-ftuħ tas-sena forensi 2019-20. Ftit huma dawk li japprezzaw kemm huwa diffiċli għalina l-membri tal-ġudikatura li nitkellmu fil-pubbliku. Kif kiteb dan l-aħħar xi ħadd f'ġurnal lokali, huwa faċli li tattakka membri tal-ġudikatura għax taf li ma jistgħux jirrispondu. Kif qed ngħid dan, tajjeb li nkellem direttament lil xi persuni li kull tant żmien jibgħatu xi mistoqsijiet lis-Segretarjat tiegħi u jitolbu risposta (u jekk jogħoġbkom sa ċertu ġurnata li jiffissaw huma). Ngħid *persuni* għax neskludi minn dawn lil dawk il- ġurnalisti ta' veru u tal-mestier li jafu x' għandhom isaqsu u x'ma għandhomx. Lil dawn il-persuni li semmejt u li jagħmlu l-mistoqsijiet li ġurnalist serju u kif ngħidu "ta' veru" jafu li ma għandhomx isaqsu, ngħidilhom *Jekk jogħġobkom għalhekk ifhmu li aħna ma aħniex il-politiċi jew chairman ta' korpi parastatali li solitament tagħmlulhom il-mistoqsijiet u tistennew li jkollkom risposta.*

Aħna ma nistgħux inwieġbu għal ħafna mill-mistoqsijiet li tagħmlu mhux biss għaliex impeduti li nagħmlu dan mill-Kodici tal-Etika tagħna iżda ukoll għaliex kull kelma li innisslu tista' twassal għar rikuża tagħna minn ċerti kawżi li jiġu quddiemna u aħna l-obligu tagħna mhuwiex li nastjenu iżda li niddeċidu l-kawżi. Terġa u tgħid, jiena bħala Prim Imħallef għandi ukoll id-dover li nservi ta' Viċi President tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja fejn ukoll hemmhekk huwa mistenni li nipparteċipa attivament fid-deċiżjonijiet li jittieħdu. Għalhekk ħudu pacenzja u stennewna għall inqas nirtiraw biex nesprimu ċerti opinjonijiet. Dan kollu jfisser li ma nistax illum ma nitkellem

xejn fuq materja importanti ħafna u li naf li uħud minnkom tistennew li nitkellem dwarha, u cioe' dwar il-ħatra tal-membri tal-ġudikatura, propju għaliex quddiem il-Qrati tagħna hemm kawża li tirrigwardja din il-materja – li dwarha l-Qorti tal-Appell minni preseduta tat sentenza preliminari fil-ġranet li għaddew. Ara ma taħsbux li din il-kontroversja qatt ma inqalgħet qabel – araw ftit x'kiteb predeċessur illustri tiegħi, Sir Arturo Mercieca, fil awtobiogjografija tiegħu meta irrefera għall perjodu meta kien Prim Imħallef fis-snin għoxrin u tletin sas-seklu l-ieħor. Huwa dover tiegħi li ngħid pero' li l-ġudikatura tagħna għandha tradizzjoni tajba. Miniex ngħid li qatt ma' kellna problemi li anke ħarġu fil-beraħ, imma nistgħu niftaħru li għandna tradizzjoni tajba ħafna u dan anke meta konna għandna kolonja u jiena ċert li sħabi kollha huma kburin isegwu din it-tradizzjoni.

Huwa xieraq pero' xi ħaġa dwar il-mod kif qed jaħdem il-Kumitat dwar il-ħatriet skond il-ligi viġenti. Qabel xejn nirrignrazzja lilek Sur President u lill-membri l-oħra ta' dan il-Kumitati għall koperazzjoni tagħkom biex nistgħu naqdu dmirna skond il-Kostituzzjoni. Nassigura biss lil min qed jisma' u jaqra dan id-diskors li dan il-Kumitat qed jifli b'mod mill-aktar minuzzjus l-applikazzjonijiet li qed ikollu u mhwiex qed servi kif forsi ħasbu xi uħud' ta' "Rubber stamp" tant illi kontra qalbna ukoll irrifjutajna numru minnhom. Dan ma huwa ebda rifless fuq il-kapaċitajiet tal-persuni konċernati bħala Avukati, għax il-Kumitat jara f'uħud minnhom potenzjal għall-futur iżda l-Kumitat ħass li appuntu fir-rigward ta' dawn il-persuni, kien jeħtiġilhom aktar esperjenza speċjalment fil-litigazzjoni biex ikunu parti funzjonali mill-ewwel mill-Ġudikatura. F'dan ir-rigward, il-mod kif l-Avukati żagħżagħ illum jibdew jipprattikkaw il-professjoni tagħhom huwa għal kollox differenti għal kif konna nagħmlu aħna per eżempju fis-snin l-imgħoddija. Aħna konna dak iż-żmien niftħu uffiċju żgħir u nistennew in-nies jgħaddu mit-triq u jaraw isimna fuq il-plakka ta' ħdejn il-bieb u jekk jiġu bżonn Avukat jiftakru f'dak l-isem u jiġu

għandna għal xi parir. Kien bidu difficli ħafna għal numru kbir minnha imma b' dan il-mod konna nidraw il-proċeduri kollha tal-Qrati, il-mod kif immexxu l-kawżi b'mod li meta numru żgħir minnha saru ġudikanti ma kienx wisq diffiċli għalina li immexxu s-seduti u naqdu d-dmirijiet tagħna.

Dan illum spiċċa għal kollox. Għalhekk il-maġġoranza kbira tal-Avukati jimpjegaw ruħhom u għalhekk ftit minnhom ikunu ipprattikaw il-professjoni f' litigazzjoni fil-Qorti. Dan ma jfissirx li ma jkunux kwalifikati biex isiru Maġistrati skond il Kostituzzjoni imma bilfors il-Kumitat jieħu dan in konsiderazzjoni meta jiddecidi l-applikazzjoni. Ikun tajjeb għall-Avukati żgħażagħ li għandhom il-ħajra li jkunu ġudikanti – ma hemm xejn ħażin li wieħed ikun ambizzjus fil-karriera tiegħu jew tagħha – li jitħarrġu sewwa fil-litigazzjoni ħalli jiksbu l-esperjenza neċessarja anke jekk dan ikun ifisser sagrificcju finanzjarju. A propositu pero' dawk li jitħajjru jsiru Maġistrati għax jaħsbu ikunu aktar komdi, jagħmlu tajjeb li qabel japplikaw ikellmu lil xi Maġistrati biex ifehmuhom ir-responsabiltajiet kbar u l-ammont ta' xogħol li għandhom. Nista' ngħid bl-akbar responsabilita' li kull waħda u wieħed minnhom qed jerfgħu aktar milli jifilħu u waħda mill-ugigħ ta' ras kbar tiegħi hija meta jkollu ħtieġa li nibdel id-doveri tagħhom. Biex kulħadd jifhem x'qed ngħid, lill-Maġistrati tistgħu tqabbluhom ma' numru ta' kontenituri mimlija bl-ilma li kull qatra li titfagħlhom ifuru. Il-poplu għandu għalfejn jirringrazzjahom għal piz li qed jieħdu u dan huwa piz li dejjem qed jiżdied. Biżżejjed wieħed jgħid li fi ftit snin il-popolazzjoni ta' pajjizna żdiedet bi kważi 100,000 ruħ u huwa naturali li proporzjon mill-barranin li jgħixu Malta (l-istess bħal proporzjon tal-Maltin) jikkommettu reati, kultant serji ħafna li ifisser aktar xogħol għal Pulizija u għall-Maġistrati sija meta jkunu tal-Għassa u sija fil-kumpliazzjonijiet.

Ngħid xi ħaga ukoll dwar il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għax din ukoll għandha l-iżvantaġġ li ma tantx tista' titkellem fil-pubbliku

minħabba d-delikatezza tal-materji li tiddiskuti u tiddeċidi. Skond il-ligi, il-proċeduri quddiemha għandhom isiru "in camera". Huwa minnu li dan joħloq sitwazzjoni fejn min jagħmel l-ilment ma jkunx jaf bl-esitu tad-deliberazzjoni tal-Kummissjoni – sitwazzjoni ċertament inkonġruwa u li ma tiftiehemx. Biss il-liġi saret b'dan il-mod 25 sena ilu minħabba ċ-ċirkostanzi li jinħolqu f'pajjiż żgħir bħal tagħna. Dan l-aħħar il-Kumitat tad-dixxiplina iddeċieda każ u informa lill persuni li għamlu l-ilment bid-deċizjoni tiegħu. Iddeċidew ukoll is-sentenza tagħhom ma tkunx pubblika – u dan skond il-ligi. Tafu lkoll x'ġara. Qabel ma d-deċizjoni waslet quddiem il-KAĠ, din dehret fil-gazzetti – presumibilment is-sinjuri li għamlu l-ilment marru jigru biha għand il-gazzetta li bi *scoop* f idejha giet taqa' u tqum mid-deċizjoni li ordnat li ma tkunx pubblika. Dan mingħajr ħadd ma qies li minn dik id-deċizjoni sar appell quddiem il-Kummissjoni. Qed ngħid dan kollu għaliex ħafna drabi l-ligijiet isiru bi skop li jidher aktar ċar meta l-liġijiet imbagħad jinkisru. Aqraw x'kien jaħseb dwar dan preċedessur ieħor tiegħi, il-kompjant President Mifsud Bonnici fil-Ktieb, Il-ligi, il-Morali u r-raġuni f'paġna 168.

Inżid ukoll ngħid li l-prinċipju sagrosant li l-liġi għandha tkun osservata japplika għal kulħadd inkluż għalina. Għalhekk xi drabi ikollna dilemma meta l-applikazzjoni stretta tal-liġi tista' tikkaġuna dak li aħna nħossu li tkun inġustizzja. Imma wieħed irid joqgħod attent li din ma tkunx forma ta' suppervja intelletwali meta niddeċiedu aħna x'għandha tkun il-liġi. Kif dan hu prinċipju li japplika għalina għandu japplika ukoll għal ħaddieħor. Ħadd ma għandu dritt jiddeċiedi li jaqa' u jqum mill-liġi għax iħoss li l-liġi mhix ġusta. Jekk il-liġi ma tkunx f'waqtha jew għadda żmienha, għandha tinbidel u mhux tinkiser.

Dawn l-aħħar xhur saret ukoll ħafna pubbliċita' ukoll dwar id-deċizjoni tal-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu fir-rigward ta' każ li jirreferu għal pajjizna. Intqal fost affarijiet oħra li dawn regolarment ibiddlu jew *jaqilbu*

sentenza tal-Qrati tagħna.  Dan mhux minnu. Hafna mill-appelli li jsiru fi Strasburgu dwar sentenzi mogħtija mill-Qorti tagħna, ikunu iddikjarati inammissibli – jiġifieri lanqas biss ikunu jistħoqqilhom diskussjoni.  Minn dawk li jkunu trattati ħafna drabi tinbidel biss il-parti tas-sentenza fejn jigu likwidati d-danni pagabbli lil appellant.  Ma rridx ninsa insemmi ukoll li dan l-aħħar din il-Qorti wara li għamlet snin tikkundanna lil Malta u xi pajjiżi oħra   fuq l-assistenza legali waqt interrogazzjoni (li sa ftit snin ilu ma kienitx disponibbli f pajjiżna) b'riżultat li xi rei konfessi tħallew jiġru barra, issa reġgħet bidlet il-ħsieb tagħha u f'żewġ każjiet ħadet il-veduta tal-Qorti Kostituzzjonali tagħna snin ilu fil-każ Charles Steven Muscat. Hawnhekk allura il-Qorti tagħna kienet previdenti qabel Strasbourg.

Dwar dan tajjeb tkunu tafu li l-Imħallfin ta' dik il-Qorti ma humiex differenti minnha, u bħal kull Imħallef ieħor fid-dinja jinħatru minn nies oħrajn (fil-każ tagħhom direttament minn politici) u mhux b' xi ispirazzjoni divina.  Huma għalhekk soġġetti għall iżbalji ukoll; ftit jiem ilu attendejt konferenza f' Pariġi li l-iskop tagħha kien appuntu r-relazzjoni bejn il-Qrati nazzjonali u l-Qorti Ewropeja.  Hafna Presidenti tal-Qrati nazzjonali ukoll esprimew id-diffikolta' li sabu ma wiċċhom meta l-Qorti Ewropeja, li aħna ta' sikwit niċċittaw fis-sentenzi tagħna fil-Qorti kostizzjonali, tbiddel fehmitha wara numru ta' snin. Waħda mill-Imħallfin ta' din il-Qorti qalet quddiem kulħadd li Qorti tista' tbiddel fehmtha.  Qed ngħid dan biex nuri li l-ġudikanti kollha huma bnedmin bħal ħaddieħor mimlija nuqqasijiet u ma hemm ebda sistema fid-dinja li tassikura sentenzi mija fil-mija dejjem ġusti, dejjem korretti skond il-liġi u dejjem konsistenti.  Id-dover ta' kull ġudikant hu pero' li jkun preparat fl-aspetti fattwali u legali tal-każ li jkollu quddiemu u jiddeċidih skond kif tgħidlu l-liġi, seren fil-kuxjenza tiegħu u jiddeċidih fi żmien raġonevoli  kemm jista' jkun.

F'dan l-aspett ma rridx nonqos li nifraħ lill-kollega Lorraine Schembri Orland li ftit jiem ilu bdiet il-ħidma tagħha f' dik il-Qorti  - ċerti li hija se tagħmel ħilitha

kollha u dan kif għamlet f' pajjiżna fiż-żmien li serviet lill-pajjiz bħala Imħallef u ta' dan mhux biss nifirħulha imma nirringrazzjawha. Ċerti li se tagħmlilna unur bħala ma għamlu dawk li irrapresentaw lill-pajjizna fi Qrati sopra nazzjonali.

Fl-aħħarnett, kelma fuq min se jtemm il-karriera ta' ġudikant. Dan ix-xahar jirtira bl-eta' l-Magistrat Coppini li serva għal 26 sena fil-Qorti ta' Għawdex u xahrejn oħra, l-Imħallef Cuschieri li ilu ġudikant (l-ewwel bħala Maġistrat u imbagħad Imħallef) għal 35 sena. Xieraq li nirringrazzjawkom għas-servizz li taw lill-pajjiz. Personalment ili nafhom snin twal u se nħossu in-nuqqas tagħhom. Fl-aħħar kwazi sentejn kelli x-xorti ikolli l-għajnuna kbira tal-Imħallef Cuschieri fil-Qorti tal-Appell fejn stajt nammira aktar mill-viċin il-kwalitajiet tiegħu. Grazzi mill-ġdid.

Nirringrazzjakom talli ħadtu paċenzja tisimgħuni u nawgura lill kulħadd sena forensi mimlija xogħol siewi u b' effiċjenza jekk jista' jkun dejjem aħjar mis-snin l-imgħoddija.